# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 68

10 t'Awwissu 2023

It-tmienja u sittin (68) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 10 t'Awwissu 2023 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

68.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

68.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

68.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

68.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sebgħa u sittin (67) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

68.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, AD, VB, JP, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

68.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 67.2.4 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-kaptelli fit-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-SE qal li l-Kunsill kien bagħat lil Infrastructure Malta u lill-Cleansing Department iżda kien għadu ma ngħatax tweġiba. Is-SE qal li ser jipprova jkellem ukoll lill-Public Works forsi jkun jista' jintlaħaq xi tip ta' ftehim. Il-Kunsillier JAE talab li ssir insistenza għax jekk tagħmel xi maltempata ser ikun hemm il-problemi.

68.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 67.2.5 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos.

68.2.4.1. Is-Sindku qal li kienu nżammu diversi laqgħat u minnhom kollha irriżulta li l-entità responsabbli kienet il-Lands Department.

68.2.4.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li tali konferma tiġi bil-miktub.

68.2.4.3. Il-Kunsilliera SSH talbet li tinżamm laqgħa mal-Ministru Silvio Schembri. Il-Kunsill qabel.

68.2.4.4. Is-SE qal li matul dawn il-laqgħat kienet issemmiet ir-responsabbiltà u l-Perit kien ikkonferma li kienu saru rapporti ta' risk assessment fuq il-Fosos u ikkonferma li dawn huma kapaċi jifilħu l-massa bil-mod kif inhuma mibnijin. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jkollu kopja ta' dawk ir-rapporti.

68.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 67.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta mingħand it-Traffic Management Unit. Is-SE qal li hemm xi aġġornamenti li ser jitressqu mis-Sindku fil-materja tal-korrispondenza.

68.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 67.2.6 rigward il-kameras tas-sigurtà ta' wara Bieb il-Bombi. Is-SE qal li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali wieġbu li huma jkunu informati biss meta jkunu qed jiġu installati l-kameras u ma kienux responsabbli għat-tneħħija.

68.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 67.4.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward it-tabelli tal-veloċità fi Triq Nazzjonali u Triq Sant'Anna. Is-SE qal li kienet saret proposta minn Infrastructure Malta lil Transport Malta u qed jistennew li jiġu gwidati minn Transport Malta.

68.2.8. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-ħasil tal-bankini. Huwa qal li kien reġa' ikkomunika mal-kuntrattur li nformah li kellu ħsara fil-gearbox tat-trakk. Is-SE qal li jekk ma jkunx hemm risposta sal-għada allura ser ikun kostrett iqabbad lil ħaddieħor.

68.2.8.1. Is-Sindku qal li dan il-kuntrattur għadu kif beda' l-kuntratt u diġà l-Kunsill kellu jagħtih default notice.

68.2.8.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li qed ikun hemm ħafna ilmenti. Is-SE qal li meta jkun hemm ilmenti għandhom jgħaddu lill-Kunsill immedjatament minħabba li l-kuntratt jorbot lill-kuntrattur sabiex tittieħed azzjoni fuq kull ilment sa massimu ta' erba' siegħat.

68.2.8.3. Il-Kunsill kompla billi ddiskuta diversi nuqqasijiet li qed iwasslu għall-dawn l-ilmenti kollha u qal li ma jistax jibqa' jittollera ċertu nuqqasijiet.

68.2.8.4. Is-SE qal li ser isir jinħoloq grupp ta' Whatsapp bi ftehim mal-kuntrattur u għalhekk l-ilmenti kollha għandhom jibdew jintbagħtu fuq dan il-grupp ħalli l-kuntrattur ikun jista' jarahom u jieħu azzjoni mal-ewwel.

68.2.9. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 67.2.10 u staqsiet jekk kienux ġew aġġornati t-tabelli tal-ġbir ta' skart. Is-SE qal li t-tabelli kienu ordnati u ser jitwaħħlu appena jaslu.

## 68.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

68.3.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-biljetti li ngħataw għall-kunċert ta' BBC Orchestra u qal li dawn kienu ntbagħtu fuq indirizz elettroniku ta' impjegat tal-Kunsill. Ġara li minħabba li ħabat il-weekend, l-email ma kienitx infetħet u għalhekk ħadd ma nduna bihom u b'hekk ma setgħux jitqassmu. Is-Sindku qal li huwa importanti li tali korrispondenza tintbagħat fuq l-email ġeneriku tal-Kunsill u dan sabiex ikunu aċċessibbli minn kulħadd biex dan l-inċident ma jerġax jirrepeti ruħu.

68.3.1.1. Is-SE qal li fis-snin li għaddew, il-biljetti qatt ma ntbagħtu b'dan il-mod u għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-organizzaturi sabiex fil-futur, dawn jintbagħtu fuq l-email ġeneriku tal-Kunsill.

68.3.1.2. Is-SE qal li għall-kunċert ta' Andre Rieu, l-organizzaturi talbu min mill-Kunsill xtaq li jattendi. Huwa talab sabiex il-kunsilliera jinformawh malajr kemm jista' jkun sabiex ikun jista' jinforma lill-organizzaturi.

68.3.2. Is-Sindku għamel riferenza għad-day care centre li qed isir fid-Dar tal-Kunsill. Huwa qal li ser jsiru żewġ attivitajiet li jippromovu dan il-proġett. Is-SE spjega li l-ewwel launch event ser tkun qed tiffoka fuq l-akkwist tal-fondi li qegħdin jingħataw għal dan il-proġett filwaqt li t-tieni attività tkun il-closing event li ssir meta jiġi konkluż il-proġett. Is-Sindku nforma li l-ewwel launch ser tkun fis-27 ta' Settembru 2023.

68.3.3. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie mogħti €15,000 biex bihom ikun jista' jorgnanizza attivitajiet kulturali. Is-SE qal li dawn il-fondi ser jintużaw sabiex tiġi organizzata l-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna.

68.3.4. Is-Sindku informa li għal darb'oħra ġiet mistiedna delegazzjoni għal Macerata u d-dati ser ikunu bejn id-29 t'Awwissu u t-2 ta' Settembru 2023.

68.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Gaffiero Productions fejn stiednu lill-Kunsill jiltaqa' mal-persuna li qed tirrapreżenta l-lokalità. Il-Kunsill qabel.

68.3.6. Is-Sindku nforma li x-xogħol fuq il-lifts kemm ta' barra kif ukoll ta' ġewwa kien miexi u għandu jitlesta f'qasir żmien. Huwa kompla billi qal li l-lift ta' barra kien tneħħa minħabba li ma kienx qed jaħdem u għalhekk ser isir wieħed minfloku.

68.3.7. Is-Sindku nforma li kienu ser ikunu qed itellgħu korsijiet għall-istaff u l-kunsilliera dwar vjolenza domestika u dan sabiex wieħed ikun jaf kif għandu joffri l-ewwel għajnuna f'każijiet bħal dawn. Il-Kunsill innota dan.

68.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-persuna responsabbli minn "Eco Market" fejn ressqet proposta għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li jkun hemm ftehim mutwali bejniethom fejn tiġi ssapportjata l-attività ġenerali u mhux biss l-attivitajiet imtellgħin mill-persuna. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-persuna in kwistjoni sabiex isir reklamar tajjeb għall-attività u li l-leaflets għandhom ikunu f'postijiet prominenti jew jitqassmu bl-idejn u dan bil-ħsieb li l-attività tkun ta' suċċess fit-totalità tagħha.

68.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Electrical Water Agency fejn ipproponew diversi żoni fil-lokalità fejn jistgħu jiġu installati charging pillars li jintużaw biex jiċċarġjaw vetturi elettriċi. Wara li evalwa u ddiskuta l-proposti, il-Kunsill qabel maż-żoni kollha proposti minbarra dik ta' Harper Lane u dik ta' Triq San Publju (quddiem il-Middlesea).

68.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Pulizija fejn pproponew li jsiru traffic lights faċċata tal-Police Headquarters. Il-Kunsill qabel li għandu japplika ma' Transport Malta.

68.3.11. Is-Sindku ppreżenta proposta għall-emendi fit-traffic plan taż-żona ta' Balzunetta. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandha tintbagħat lil Transport Malta.

68.3.12. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Gazzetta il-Furjana fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser joħorġu edizzjoni speċjali, u offrew lill-Kunsill sabiex din il-ħarġa ssir b mod konġunt mal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-ammont ta' €400 u li din l-okkażjoni tintuża anke biex tippromwovi l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

68.3.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand persuna f'isem l-Għaqda Kultura Esprimi fejn ipproponew li tinżamm laqgħa mal-Kunsill rigward proposta li tikkonsisti f'qari ta' poeżiji u kitbiet qosra, kif ukoll xi kanzunetti minn kantawtur mistieden. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom u jipproponi li tali attività tkun parti mill-programm ta' Ġenna ta' Ġonna.

68.3.14. Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Triq il-Konservatorju kien ser jibda' dalwaqt. Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra lir-residenti sabiex jgħarrafhom b'dan.

68.3.15. Is-Sindku ressaq ringrazzjament mingħand bint l-eks viċi sindku, Mary Dimech, li rringrazzja lill-Kunsill għall-fjuri li ntbagħtu fil-funeral t'ommha. Il-Kunsill innota dan.

## 68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

68.4.1. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għall-emendi li saru fin-notifika legali S.L. 441.04 xi ftit taż-żmien ilu u talab li jingħata rendikont tar-regolamenti li nbidlu u kif jaffetwaw lill-kunsilli lokali u lill-organizzaturi. Is-SE innota dan u qal li għandu jgħaddilu l-informazzjoni rikjesta f'qasir żmien.

68.4.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ammont t'ilmenti li qed jirċievi rigward ħruġ ta' boroż tal-iskart fi ġranet ħżiena. Huwa qal li hemm bżonn li l-Kunsill jingħaqad mal-awtoritajiet kompetenti inkluż mar-Reġjun Port sabiex jissawwar pjan strateġiku ta' kif ser tiġi mitigata din il-problema li qed tkompli tamplifika fis-Sajf kemm minħabba s-sħana kif ukoll minħabba l-ammont ta guesthouses li hemm fil-lokalità.

68.4.2.1. Is-Sindku qal li minn Ottubru ser jibdew jinħarġu multi fuq kull min jinqabad joħroġ skart mhux fil-ġurnata tiegħu. Fir-rigward tal-guesthouses, is-Sindku qal li hu wkoll jirċievi diversi ilmenti u meta l-Kunsill ikun mgħarraf minn fejn ħarġu l-boroż, jinforma lill-Pulizija sabiex tittieħed azzjoni.

68.4.2.2. Is-Sindku qal li sfortunatament dil-problema teżisti kullimkien u għalhekk huwa importanti li jkun hemm infurzar fuq min jabbuża.

68.4.2.3. Il-Kunsillier JAE qal li hemm bżonn kbir biex tiġi solvuta din il-problema u li jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji.

68.4.2.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li sfortunatament mhumiex biss il-barranin li qed joħolqu dil-problema iżda anke l-Maltin stess. Hija kompliet billi qalet li l-Community Police jagħmlu xogħolhom tajjeb biss dawn iridu jlaħħqu ma' żewġ lokalitajiet f'daqqa.

68.4.2.5. Il-Kunsillier JAE qal li xogħol il-Community Police ma kienx biss l-ambjent u għalhekk hemm bżonn li jkun hemm l-għajnuna ta' entitajiet oħra bħall-ERA li jduru t-toroq u jassistu. Huwa kompla billi qal li jeħtieġ li jitressqu sett ta' proposti u li jinħoloq pjan biex tkun tista' tissolva din il-problema.

68.4.2.6. Is-SE qal li sfortunatament is-sidien tal-guesthouses għadhom m'humiex responsabbli għall-ħruġ ta' boroż u għalhekk tinħoloq diffikultà. Il-Viċi Sindku AD qal li barra minn Malta, ir-responsabbiltà taqa' xorta fuq is-sid u għalhekk ikun hemm iktar attenzjoni u insistenza fuq kif u meta jiġi dispost l-iskart.

68.4.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni tal-indafa taħt il-Loġoġ. Huwa qal li għandha ssir insistenza mil-Kunsill sabiex isir tindif iktar frekwenti. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mad-Dipartiment tal-Cleansing dwar dan.

68.4.4. Il-Kunsillier JAE rigward il-bankina li hemm wara l-monument tal-gwerra marittima bejn Triq Ġlormu Cassar u l-BOV. Is-Sindku qal li għaddej ix-xogħol fuq il-monument u jittama li fl-istess waqt titranġa wkoll il-bankina. Is-SE qal li kien talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jibgħat is-siteplan ħalli tkun tista' tintbagħat lill-Infrastructure Malta.

68.4.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni tal-piċċ fil-KGV. Huwa qal fis-sitwazzjoni li hu, hemm riskju li jkorri xi ħadd u għalhekk ippropona li dan jingħalaq malajr kemm jista' jkun.

68.4.5.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għalissa għandhom jitneħħew il-lasti li jinsabu ta' periklu kif ukoll it-turf tal-piċċ u dan sabiex jiġi minimizzat il-periklu sa ma jkun jista' jinbeda' l-proġett tal-piċċ fejn dan ser jitranġa u jsir mil-ġdid.

68.4.6. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-boroż suwed li qed jinħarġu u staqsiet jekk jistgħux isiru xi ameljoramenti fis-sistema.

68.4.6.1. Is-Sindku qal li l-maġġoranza tan-nies qed jirrifjutaw li jixtru boroż oħrajn u għalhekk jitfgħu kollox fil-borża s-sewda. Minkejja dan però, is-sistema kienet waħda nazzjonali u għalhekk ma setgħux isiru bidliet lokali fiha.

68.4.6.2. Ġie diskuss il-fatt li sfortunatament is-sistema ma kinitx taqdi l-esiġenzi u l-bżonnijiet ta' kull lokalità. Il-Kunsill qabel li r-residenzi fil-Floriana kienu żgħar, u wħud minnhom mingħajr bitħa, u għalhekk ir-residenti sfortunatament m'għandhomx spazju fejn jerfgħu l-iskart.

68.4.6.3. Is-Sindku qal li hemm ukoll il-problema fejn in-nies ikunu jafu min ħareġ l-iskart imma jibdew jibżgħu jirrapportaw u jixhdu kontra l-persuna. Il-Kunsilliera SSH qalet li f'dak il-każ il-kunsilliera għandhom dover li jintervjenu. Is-Sindku qal li l-ilmenti dejjem jgħaddu għand il-Pulizija, għax huma biss kellhom il-poter li jħarrku u jieħdu azzjoni.

68.4.7. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għax-xogħol ta' kostruzzjoni li hu għaddej fi Triq San Publju u qalet li l-ħaddiema kienu tefgħu materjal ta' kostruzzjoni f'gallarija minnhom. Is-SE qal li l-kennies ma setax jiġbor materjal ta' kostruzzjoni u għalhekk għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur sabiex jieħdu hu.

68.4.8. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għat-traffic lights li hemm quddiem Bieb il-Bombi u qalet li jinsabu mitfijin. Il-Viċi Sindku AD qal li kellem lil min hu responsabbli mit-traffic lights sabiex tittieħed azzjoni.

68.4.9. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk huwiex possibbli li jiżdiedu xi bankijiet taħt il-Forka. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jiġi installat bank wieħed.

68.4.10. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-kelma "Champions" li hemm ħdejn il-Floriana Nursery u qalet li kien hemm persuna li offriet li tirranġa l-bozoz li hemm mitfijin hi bil-materjal ikun a spiża tal-Kunsill. Is-SE qal li meta nħarġet mil-Kunsill dik kienet taħdem u għalhekk kwalunkwe ħsara saret mill-entità li qed tużaha bħalissa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom jirranġaw il-ħsara li għamlu u dan a spejjeż tagħhom.

68.4.11. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistgħux jitwaħħlu tabelli tat-traffiku fi Triq il-Kapuċċini sabiex il-vetturi ma jiksrux l'isfel. Is-SE qal li dawn it-tabelli kienu ġew ordnati u ser jitwaħħlu appena jaslu.

68.4.12. Il-Kunsilliera SSH qalet li ħdejn it-typewriter centre hemm siġra li kien hemm bżonn li tinqata'. Is-SE qal li sfortunatament is-siġar ma jistgħux jitneħħew mingħajr permess mill-ERA. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ritratt ta' din is-siġra lill-Ambjent Malta sabiex jingħat gwida ta' x'jista' jsir dwarha.

## 68.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

68.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 68.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

68.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 51/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

68.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

68.6.2. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda tal-petty cash għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

68.6.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota: 16:30 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

## 68.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARU TAT-TIENI KWART TAS-SENA

68.7.1. Is-SE fetaħ il-materja billi ta rendikont tar-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena.

**Nota: 16:35 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**

68.7.2. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena b'mod unanimu.

## 68.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TAS-SENIOR CITIZEN CENTRE

68.8.1. Is-Sindku nforma li din il-materja kienet ġiet diskussa f'materja nru 68.3.2.

## 68.9 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

68.9.1. Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Settembru 2023 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum Il-Ħamis 14 ta' Settembru 2023**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv